

32002D0885

L 308/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.11.2002

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMISSJONI**tas-7 ta' Novembru ta' l-2002****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE fir-rigward tal-limiti ta' żmien li fihom tnaħar ta' pressjoni, xkafef ċilindriċi u tankijiet għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija għandhom jikkonformaw magħha**

(in notifikata fid-dokument numru C(2002) 4343)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/885/KE)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/6/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) t-tielet sub-paragrafu tagħha,

Billi:

- (1) L-istandards Ewropej li jstabilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li jirrigwardaw il-kostruzzjoni, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' trasport ta' tnaħar ta' pressjoni, xkafef ċilindriċi u tankijiet għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija għadhom ma żdiedux ma' l-Anness tad-Direttiva 96/49/KE, ladarba l-istandardizzazzjoni tas-CEN fuqhom għad mhijiex kompleta.
- (2) Huwa għalhekk neċessarju li l-iskadenzi ffixxati fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 96/49/KE, li permezz tiegħu tnaħar tal-pressjoni, xkafef ċilindriċi u tankijiet għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 96/49/KE, jiġu diferiti.
- (3) Id-Direttiva 96/49/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.
- (4) Sabiex tiġi evitata kull inċertezza legali din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju ta' l-2001,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 96/49/KE l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'li ġej:

“Stat Membru jista' jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru ta' l-1996 li jitrattaw l-kostruzzjoni, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' trasport ta' tankijiet ġodda, u tnaħar ġodda tal-pressjoni u xkafef ċilindriċi kif definiti fil-Klassi 2 ta' l-Anness, li jvarjaw mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Anness sakemm referenzi għall-istandards għall-kostruzzjoni u l-użu ta' tankijiet, tnaħar ta' pressjoni u xkafef ċilindriċi huma miżjuda ma' l-Anness, bl-istess rabta bħad-dispożizzjonijiet hemmhekk, imma f'kull każ mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003. Tnaħar ta' pressjoni, xkafef ċilindriċi u tankijiet mibnija qabel l-1a' Lulju 2003 u kontenituri oħrajn mibnija qabel l-1 ta' Lulju 2001 u miżmuma għal-livelli meħtieġa ta' sigurtà jistgħu jibqgħu użati taħt il-kundizzjonijiet oriġinali.

Id-dati t-30 ta' Ġunju 2003 u l-1 ta' Lulju 2003 għandhom jit-qiegħdu lura għal tnaħar ta' pressjoni, xkafef ċilindriċi u tankijiet li għalihom ma hemm ebda ħtiġiet tekniċi dettaljati jew li għalihom l-ebda referenzi suffiċjenti għal *standards* Ewropej approprijati ma ġew miżjuda fl-Anness.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2001.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fis-7 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President⁽¹⁾ ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 25.⁽²⁾ ĠU L 30, ta' l-1.2.2001, p. 42.